**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 10 ta' Lulju 2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Gilmore Borg**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat:** **GILMORE BORG**, ta' erbgħa u għoxrin (24) sena, iben Tracey Borg nee' Borg, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled il-Pieta', nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000), u residenti ġewwa 3, Flat 8, Triq il-Kannizzata, Marsaskala u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0397400L

**Akkużat talli: f'xi ħin bejn is-sitta ta' filgħodu (06:00) u s-sebgħa ta' filgħodu (07:00) ta' nhar id-disgħa (09) ta' Lulju tal-elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Convenience Shop* ġewwa Triq San Tumas Fenech, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:-**

1. *Ikkommetta serq ta' PDA Unit u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u*

*għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq sar għad-dannu tal-ħanut Convenience Shop u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;*

*Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 532A, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok JM 7), *current incident report* (Dok JM 5), l-istqarrija tal-imputat (Dok JM 6), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok JM 2) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tagħtu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-fedina penali tiegħu, l-ammissjoni bikrija tiegħu, iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom fejn id-difiża u l-prosekuzzjoni issuġġerew lill-Qorti piena ta' sena priġunerija sospiża għall-

sentejn u ordni ta' trattament għal żmien sentejn kontra l-vizzju tad-droga. Il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ piena karċerarja sospiża u ordni ta' trattament kif suġġerit hija piena idoneja.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **GILMORE BORG detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0397400L** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**. **Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeda toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għall-żmien sentejn (2) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment**.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-meżż u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' Lulju 2024**